MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2008

Numru. 594/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sandra Zammit)**

**vs**

**Leo Gove ta' 27 sena, iben Anthony u Helen nee' Grima imwieled Pieta fl-24 ta' April 1981 u residenti gewwa Casa Maria Dolores, Vjal il-Bon Pastur, Balzan detentur tal-karta ta'l-identita 216781(M)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Leo Gove akkuzat talli fit-8 ta' Mejju 2008 ghal habta ta' 18:00hrs gewwa Vjal il-Bon Pastur, Balzan, ikkometta hsara fuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni SAB 581 tal-ghamla

Volkswagen Polo a detriment ta’ Sabrina Sammut, liema hsara ma teccediex l-elf mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (1164.69), izda teccedi l-mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (116.47).

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta’ dan il-procediment;

Semghet il-provi;

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali tat-8 ta’ Lulju 2008 sabiex dana il-kaz jigi itrattat bil-procedura sommarja;

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi migjuba quddiem il-Qorti jidher illi l-imputat u il-parti leza Sabrina Sammut ghandhom tifla in komun ghalkemm mhumiex mizzewwgin. It-tifla illum ghandna madwar sena u nofs. Jidher illi fil-gurnata tat-8 ta’ Mejju 2008 inqala’ disgwid bejn il-partijiet ghar-rigward ta’l-access illi l-missier u cioe’ l-imputat kien qieghed jezercita favur bintu minuri. Dak in-nhar l-imputat mar bit-tifla ghand ommu gewwa Vjal il-Bon Pastur f’Hal Balzan, izda l-omm Sabrina Sammut ma haditx gost b’dina id-decizjoni tal-missier u ghalhekk marret hemmhekk u insistiet mal-missier illi jirirtornalha t-tifla. Kien hawnhekk illi inqala’ argument bejn il-partijiet. Ma hemmx qbil madanakollu bejn il-partijiet involuti u cioe bejn l-imputat u l-parti leza ghar-rigward ta’ dak illi sehh. Filwaqt illi l-imputat jallega illi kienet Sammut li marret wara l-bieb ta’ ommu tghajjat u isabbat u jichad illi huwa f’xi hin laqat il-vettura taghha, Sammut min-naha taghha isostni illi hija marret hemmhekk bil-kwiet u tallbet lill-imputat sabiex jaghtiha it-tifla, izda huwa irrabja u fost hafna ghajjat u dagha, ghaddielha lit-tifla u ta daqqa ta’ sieq il-karozza taghha sabiex b’hekk giet ikkagjonata il-hsara allegata mill-parti leza.

Illi xhieda ohra okulari ma kienx hemm. L-parti leza ghaddiet sabiex ghamlet rapport lill-pulizija li min-naha taghhom ikkonstataw illi kien minnu illi kien hemm ghafsa mal-mudguard tal-vettura ta’ Sammut.

Illi l-Qorti tosserva illi sfortunament dana huwa disgwid iehor bejn koppja li fiha inqabbdet fin-nofs it-tifla taghhom ta’ eta tenera, li x’aktarx hija l-uniku vittma f’dina l-istorja kollha. Il-partijiet minflok gabu ruhhom ta’ genituri responsabbli li issa ghandhom jerfghu il-piz ta’l-azzjonijiet taghhom, ghazlu li joqghodu jiggieldu f’nofs ta’ triq bil-konsegwenza li dina it-tifla zghira spiccat bhal ballun fin-nofs.

Il-Qorti thoss illi f’dana l-ambjent ta’ disgwid bejn il-partijiet hija ma tistax tasal sabiex issib htija fl-imputat lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni.

Ghaldaqstant fid-dawl ta’ dana il-kunflitt fil-provi, l-Qorti qieghda tillibera lill-imputat mill-akkuza migjuba fil-konfront tieghu

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------